(4) Ir-raba' motiv isostni li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE sal-punt li hija bbażata fuq il-kunċett li l-kuntatti bejn il-kompetituri li qed iseħħu lil hinn miż-ŻEE jikkostitwixxu *per se* ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 ŻEE, jiġifieri irrispettivament mill-fatt dwar jekk huma jikkostitwixxux parti mill-ksur wieħed u kontinwu b'kuntatti bejn il-kompetituri li seħħew fuq livell ta' kwartieri ġenerali. Ftehim jew prattiki miftiehma dwar merkanzija diretta lejn iż-ŻEE la jikkostitwixxu restrizzjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan iż-ŻEE u lanqas ma jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-intervent tal-Gvern f'ċerti ġurisdizzjonijiet rilevanti jippreklu di l-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE.

[1] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3975/87, tal-14 ta' Diċembru 1987, li jistabbilixxi l-proċedura għall-applikazzjoni tar-Regoli dwar il-kompetizzjoni għall-impriżi fis-settur tat-trasport bl-ajru (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 262)

## Rikors ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2011 — British Airways vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-48/11)

(2011/C 80/57)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* British Airways plc (Harmondsworth, Ir-Renju Unit) (rappreżentanti: K. Lasok, QC, R. O'Donoghue, Barristers, u B. Louveaux, Solicitor)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni sa fejn din tistabbilixxi li r-rikorrenti pparteċipat fi ksur li jikkonċerna kummissjonijiet fuq supplimenti u/jew li tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Kummissjoni għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tad-deċiżjoni tagħha fuq dik il-kwistjoni;

— tannulla d-deċiżjoni sa fejn din tistabbilixxi li d-data meta r-rikorrenti bdiet il-ksur kienet it-22 ta' Jannar 2001 u li tissostitwixxi dik id-data bl-1 ta' Ottubru 2001 u/jew li tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Kummissjoni għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tad-deċiżjoni tagħha fuq dik il-kwistjoni;

— tannulla d-deċiżjoni sa fejn din tistabbilixxi li kwistjonijiet relatati ma' Hong Kong, mal-Ġappun, mal-Indja, mat-Tajlandja, ma' Singapor, mal-Korea u mal-Brażil jiksru l-Artikolu 101 TFUE, l-Artikolu 53 ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim Svizzeru u/jew li tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Kummissjoni għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tad-deċiżjoni tagħha fuq dik il-kwistjoni;

— tannulla jew tnaqqas b'mod sostanzjali l-multa imposta fuq ir-rikorrenti skont id-deċiżjoni b'referenza għall-kull wieħed mill-punti msemmija iktar 'il fuq u/jew għall-ġurisdizzjoni sħiħa tal-Qorti Ġenerali;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tar-rikorrenti u għal spejjeż oħra relatati ma' din il-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti titlob l-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 7694 finali tad-9 ta' Novembru 2010, relatata ma' proċedura skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikou 53 tal-Ftehim dawr iż-ŻEE, u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera fuq it-trasport bl-ajru (Każ COMP/39.258 — ġarr ta' merkanzija bl-ajru) li tikkonċerna l-koordinazzjoni ta' diversi elementi tal-prezz li għandu jintalab għal servizzi ta' ġarr ta' merkanzija bl-ajru fuq: (i) rotot bejn ajruporti fiż-ŻEE; (ii) rotot bejn ajruporti fl-UE u ajruporti barra ż-ŻEE; (iii) rotot bejn ajruporti fil-pajjiżi taż-ŻEE li ma humiex Stati Membri tal-UE u pajjiżi terzi; u rotot bejn ajruporti fl-UE u l-Isvizzera. Il-koordinazzjoni stabbilita fid-deċiżjoni tirrigwarda supplimenti marbuta mal-karburant, supplimenti marbuta mas-sigurtà, u l-ħlas ta' kummissjoni fuq is-supplimenti lil operaturi tat-trasport.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka seba' motivi.

(1) L-ewwel motiv jallega żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u raġunijiet inadegwati sa fejn il-Kummissjoni ma pprovdietx provi suffiċjentement preċiżi li juru li r-rikorrenti pparteċipat fil-koordinazzjoni tal-ħlas tal-kummissjoni fuq supplimenti, filwaqt li injorat ammont sinjifikanti ta' provi li hija kellha fil-pussess tagħha li kienu juru l-oppost.

(2) It-tieni motiv jallega żball manifest ta' evalwazzjoni u ksur tal-obbligu tal-konvenuta li tipprova sal-grad rikjest mil-liġi d-data ta' meta beda l-ksur mir-rikorrenti. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti tissottometti li:

— l-provi prodotti ma jissodisfawx il-kriterji tal-preċiżjoni u tal-konsistenza fir-rigward tat-tul tal-ksur;

— l-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar id-data tal-bidu tikser il-prinċipju *in dubio pro reo*.

(3) It-tielet motiv jallega żbalji ta' liġi u ta' fatt u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni abbażi tal-fatt li l-Kummissjoni ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u/jew l-Artikolu 53 ŻEE fir-rigward tas-sitwazzjoni li tikkonċerna l-leġiżlazzjoni regolatorja tal-avjazzjoni u s-sistemi ta' amministrazzjoni f'Hong Kong, fil-Ġappun, fl-Indja, fit-Tajlandja, f'Singapor, fil-Korea, u fil-Brażil, u/jew naqset milli teżerċita s-setgħat tagħha skont il-prinċipju ta' korteżija internazzjoni u/jew naqset milli tieħu kont jew milli tieħu kont adegwat tal-prinċipju ta' korteżija internazzjonali fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha.

(4) Ir-raba' motiv jallega l-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-prinċipju li l-multi għandhom jikkorrispondi għall-ksur u l-prinċipju ta' trattament ugwali, peress li l-multa imposta fuq ir-rikorrenti hija sproporzjonata meta mqabbla mal-gravità tal-ksur. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti tissottometti li:

— fil-każ ta' ksur awtomatiku, il-Kummissjoni hija obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni n-"natura" u l-"kapaċità" fis-suq u fil-kuntest ekonomiku tiegħu meta tevalwa u tikkalibra l-gravita' tiegħu;

— meta analizzati b'mod adegwat, f'dan il-każ kien hemm raġunijiet qawwija li jwasslu sa biex il-ksur tar-rikorrenti jiġi kkunsidrat bħala inqas gravi milli kkunsidrat il-Kummissjoni fl-applikazzjoni tagħha tal-multiplikatur skont il-gravità.

(5) Il-ħames motiv jallega ksur tal-obbligu li jingħataw raġunijiet adegwati u tal-prinċipju ta' propozjonalità fir-rigward tażżieda fl-ammont bażiku tal-multa ta' ammont addizzjonali ta' 16 % bħala deterrent.

(6) Is-sitt motiv jallega żball ta' liġi u ta' fatt, żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, u ksur tal-prinċipji ta' aspettattivi leġittimi u/jew ta' trattament ugwali u tal-Avviż dwar il-Klemenza, sa fejn il-Kummissjoni kkonċediet lir-rikorrenti l-inqas livell ta' tnaqqis tal-multa fir-rigward tal-klemenza minkejja li kienet l-ewwel impriża li applikat għal tnaqqis tal-multa taħt l-Avviż dwar il-Klemenza.

(7) Is-seba'motiv jallega żball manifest ta' evalwazzjoni u ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali u tal-prinċipju ta' proporzjonalità billi ma tatx lir-rikorrenti tnaqqis tal-multa bħala mitigazzjoni, sa fejn il-Kummissjoni naqset milli tieħu kont ugwali tal-fatt li r-rikorrenti kellha parteċipazzjoni limitata fil-ksur u ma pparteċipatx fl-elementi kollha tal-ksur.

## Rikors ippreżentat fis-27 ta' Jannar 2011 — Ir-Renju ta' Spanja vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-54/11)**

(2011/C 80/58)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrent:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: M. Muñoz Pérez)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrent

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 7700, tas-16 ta' Novembru 2010, li tnaqqas l-għajnuna tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għall-Programa Operativo Integrado objetivo 1 de Andalucía (programm operattiv integrat għan 1 ta' Andalucía) (2000-2006) Nru CCI 2000.ES.16.1.PO.003, inkwantu din timponi korrezzjoni finanzjarja ta' 100 % tal-ispejjeż iffinanzjati mill-FEŻR fir-rigward tal-kuntratti Nri 2075/2003 u 2120/2005.

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

In sostenn tar-rikors tiegħu, ir-Renju ta' Spanja jressaq żewġ motivi.

(1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 39(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999, tal-21 ta' Ġunju 1999, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 14, Vol. 1, p. 31), inkwantu l-Kummissjoni ma osservatx it-terminu ta' tliet xhur sabiex tagħti d-deċiżjoni kkontestata, li jibda jiddekorri mis-seduta, jew jekk ikun il-każ, mill-għoti tal-informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet Spanjoli.

(2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur, minħabba applikazzjoni indebita, tal-Artikolu 39(3)(b) tar-Regolament Nru 1260/1999 iċċitat iktar 'il fuq, peress li l-Kummissjoni tapplika korrezzjoni finanzjarja fir-rigward tal-kuntratti Nri 2075/2003 u 2120/2005, minħabba l-eżistenza ta' irregolaritajiet preżunti fil-proċedura segwita għall-għoti ta' dawn il-kuntratti, filwaqt li l-applikazzjoni tal-proċedura nnegozjata mingħajr pubbliċità kienet perfettament legali skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(3)(b) u (ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/36/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1993, li tikkoordina l-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi ta' provvista (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 6, Vol. 2, p. 110).

## Rikors ippreżentat fis-27 ta' Jannar 2011 — Castelnou Energía vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-57/11)**

(2011/C 80/59)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Castelnou Energía, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentant: E. Garayar, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara r-rikors għal annullament ammissibbli;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata skont l-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)